IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.11.2013
COM(2013) 796 final

2013/0410 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli**

{SWD(2013) 482 final}
{SWD(2013) 483 final}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 1.1. Il-kuntest ġenerali

L-azzjoni kontra ksur ta' leġiżlazzjoni doganali hija parti integrali mill-protezzjoni tal-interessi tal-finanzi tal-Unjoni u l-iżvilupp tal-kooperazzjoni doganali.

Il-leġiżlazzjoni doganali tista' tinkiser minn diversi prattiki bħad-deskrizzjoni ħażina ta' oġġetti importati biex b'hekk jittieħed vantaġġ minn dazji aktar baxxi, jew id-dikjarazzjoni ħażina tal-oriġini tal-oġġetti sabiex jiġu evitati dazji ta' antidumping u/jew biex jiġu evitati kwoti ta' limitazzjoni ta' importazzjonijiet kwalitattivi, jew bl-użu ħażin tas-sistema ta' tranżitu, meta l-oġġetti li ġew effettivament importati jiġu ddikjarati bħala fi tranżitu sabiex jiġu evitati d-dazji doganali applikabbli.

Fil-għlieda kontra dan il-ksur tal-leġiżlazzjoni doganali, huwa meħtieġ skambju estensiv ta' informazzjoni, kemm bejn l-Istati Membri kif ukoll bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Filwaqt li kooperazzjoni bħal din diġà kienet ta' suċċess, ġew identifikati numru ta' oqsma fejn hija meħtieġa azzjoni ulterjuri, prinċipalment fir-rigward tal-funzjonament tas-sistema kontra l-frodi fil-qasam tad-dwana u t-titjib tal-ġestjoni tar-riskju doganali fuq livell nazzjonali u tal-Unjoni[1].

### 1.2. Il-kuntest legali

L-istrumenti legali ewlenin li japplikaw għall-ksur tal-leġiżlazzjoni doganali fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/917/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar l-użu tat-teknoloġija tal-informatika għall-finijiet doganali.

Ir-Regolament (KE) Nru 515/97 jirregola l-kwistjonijiet relatati mal-unjoni doganali li hija żona ta' kompetenza esklussiva tal-UE skont l-Artikolu 3(1)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/917/ĠAI tindirizza kwistjonijiet relatati mal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja li skont l-Artikolu 4(2)(j) tat-TFUE huwa spazju b'kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri.

Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ħolqot struttura tal-IT, is-Sistema ta' Informazzjoni għal Kontra l-Frodi (AIFS), għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti, li tinkludi databases għall-kwistjonijiet doganali u għal kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni fil-qasam tal-infurzar tal-liġi.

---

[1] Filwaqt li titqies b'mod partikolari l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2012)793 tat-8 ta' Jannar 2013 dwar il-Ġestjoni tar-Riskju Doganali u s-Sigurtà tal-Katina tal-Provvista

## 1.3. Kwistjonijiet speċifiċi

### *1.3.1. Il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-lakuni fis-sistemi eżistenti għall-identifikazzjoni ta' frodi relatati mad-dwana*

Hemm diversi dazji, taxxi, rati u limiti kwantitattivi li jridu jiġu rispettati mill-operaturi tas-suq li joperaw b'mod leġittimu fl-UE. Il-qligħ finanzjarju li jkun hemm mill-evitar ta' dawn il-pagamenti jikkostitwixxi inċentiv biex issir frodi bħad-dikjarazzjoni ħażina tal-oriġini, id-deskrizzjoni ħażina tal-oġġetti u l-użu ħażin tas-sistema ta' tranżitu. Ir-riskju huwa saħansitra akbar peress li s-sistemi eżistenti għall-identifikazzjoni tal-frodi doganali għadhom ma ġewx żviluppati b'mod suffiċjenti filwaqt li l-mezzi ta' verifika tal-oriġini reali tal-oġġetti importati fil-preżent huma limitati. B'mod partikolari, mhuwiex possibbli għall-uffiċjali tad-dwana biex jivverifikaw jekk l-oriġini tal-oġġetti ddikjarati hijiex konsistenti mar-rotta segwita mill-kontejner li jittrasporta l-oġġetti. L-informazzjoni dwar il-movimenti tal-kontejner (Messaġġi dwar l-Istatus tal-Kontejner - CSMs) hija meqjusa essenzjali għall-identifikazzjoni ta' każijiet ta' dikjarazzjoni ħażina ta' oriġini. Is-sistema attwali għall-identifikazzjoni tad-deskrizzjoni ħażina tal-oġġetti mhijiex sodisfaċenti lanqas. F'dan il-kuntest, l-identifikazzjoni tal-każijiet suspettużi mill-awtoritajiet doganali hija bbażata fuq in-notifiki li jistgħu jaslu minn diversi sorsi (pereżempju awtoritajiet doganali oħrajn jew operaturi ekonomiċi) u minn analiżi tar-riskju bbażata fuq dejta limitata. L-iżvantaġġ prinċipali ta' din il-proċedura hija li l-kontrolli għadhom mhux immirati b'mod suffiċjenti peress li huma bbażati fuq analiżijiet ta' dejta limitata. Bl-istess mod, jeżistu lakuni fis-sistema għall-identifikazzjoni tal-użu ħażin tas-sistema ta' tranżitu. Il-proċedura li tintuża attwalment għall-verifika tal-oġġetti fi tranżitu tikkonsisti mill-ivverifikar tad-dokumenti u l-kontrolli fiżiċi. Madankollu, l-effettività u l-effiċjenza ta' dawn il-metodi huma limitati mir-riżorsi disponibbli u mil-limitazzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni u l-kwalità tad-dejta disponibbli għal analiżi tar-riskju awtomatizzata u l-immirar tal-kontrolli. Sabiex jiġu mmirati b'mod effettiv il-każijiet ta' dikjarazzjoni ħażina ta' oriġini, deskrizzjoni ħażina tal-oġġetti u l-użu ħażin tas-sistema ta' tranżitu, huwa xieraq li jintużaw metodi xjentifiċi ta' analiżi tar-riskju li huma awtomatizzati għall-identifikazzjoni tal-konsenji suspettużi. Il-Kummissjoni temmen li dawn il-metodi jistgħu jkunu implimentanti b'mod aktar effettiv u effiċjenti meta jiġu appoġġjati minn disponibbiltà sistematika ta' dejta ta' kwalità għolja u f'waqtha dwar is-CSMs, l-importazzjonijiet, l-esportazzjonijiet u t-tranżitu fuq livelli nazzjonali u tal-UE.

### *1.3.2. Il-ħtieġa li tissaħħaħ il-ġestjoni tar-riskju doganali u s-sigurtà tal-katina tal-provvista fuq livell nazzjonali u tal-UE*

Il-ħtieġa li jiġi stabbilit livell ekwivalenti ta' kontrolli doganali għall-oġġetti li jiddaħħlu/jinħarġu mit-territorju doganali tal-Unjoni huwa rikonoxxut, flimkien mal-ħtieġa li jiġi introdott qafas ta' ġestjoni tar-riskju madwar l-Unjoni kollha biex jiġi appoġġjat approċċ komuni. F'dan il-kuntest, ir-Regolament (KE) Nru 648/2005 li jemenda l-Kodiċi Doganali tal-Komunità jipprevedi l-qafas ta' ġestjoni tar-riskju komuni li ġie implimentat mill-Kummissjoni u l-Istati Membri. Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Ġestjoni tar-Riskju Doganali u s-Sigurtà tal-Katina tal-Provvista[2], il-Kummissjoni identifikat numru ta' sfidi strateġiċi għall-implimentazzjoni. Ta' importanza partikolari huma d-diffikultajiet ikkawżati mil-lakuni fid-disponibbiltà u l-kwalità tad-dejta għall-iskrinjar ta' qabel il-wasla għar-riskji ta' sigurtà u sikurezza. Il-Komunikazzjoni enfasizzat li "l-forniment ta' dejta ta' kwalità mill-operaturi tas-suq u d-disponibbiltà tagħha għall-awtoritajiet involuti fil-ġestjoni tar-riskju fuq il-livell xieraq huwa prijorità ewlenija". F'dan il-kuntest, il-ġbir tas-CSMs u l-integrazzjoni

[2] COM(2012)793.

tagħhom fl-analiżi tar-riskju ta' qabel il-wasla jista' jkun kontribuzzjoni vitali biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-katina tal-provvista b'mod ġenerali u għall-ħidma tal-Kummissjoni u l-Istati Membri fil-ġestjoni tar-riskji identifikati fl-Artikolu 4(25) tal-Kodiċi Doganali Komunitarju, inkluż it-theddid li jinħoloq għas-sigurtà u s-sikurezza tal-Unjoni, għas-saħħa tal-pubbliku, għall-ambjent u għall-konsumaturi.

*1.3.3. Il-ħtieġa li jiġi indirizzat id-dewmien fl-investigazzjoni tal-OLAF*

Bħala riżultat tal-introduzzjoni riċenti tal-e-Customs, id-dokumenti ta' sostenn għad-dikjarazzjoni tal-importazzjoni ul-esportazzjoni (fattura, ċertifikat ta' oriġini, eċċ) jinżammu mill-operaturi ekonomiċi u mhux aktar mill-amministrazzjonijiet doganali. Fuq kollox, dawn id-dokumenti ħafna drabi jkunu neċessarji għall-OLAF biex iwettaq l-investigazzjonijiet tiegħu. Il-proċedura attwali użata mill-OLAF biex jikseb dawn id-dokumenti hija li jibgħat talba lill-Istati Membri. Madankollu, sistema bħal din hija ineffiċjenti peress li, kif intqal qabel, l-Istati Membri ma għandhomx aktar f'idejhom l-informazzjoni rilevanti u b'hekk iridu jitolbuha lill-operaturi ekonomiċi qabel ma jibagħtuha lill-Kummissjoni. Dan jikkawża telf ta' ħin qabel ma d-dokumenti jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-OLAF. Attwalment ma hemm l-ebda dispożizzjoni fil-qafas legali li tista' tintuża biex tħaffef il-proċeduri relatati mal-investigazzjonijiet tal-OLAF.

*1.3.4. Il-ħtieġa għal kjarifika dwar il-possibbiltà li tiġi limitata l-viżibbiltà tad-dejta*

Is-sistema tal-AFIS IT bħalissa mhijiex tintuża biżżejjed peress li l-Istati Membri ma jistgħux jagħżlu l-utenti potenzjali tal-informazzjoni li jdaħħlu fis-sistema. Għaldaqstant, il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u l-kooperazzjoni doganali mhumiex ottimali u huma ostakolati bla bżonn. Għalhekk hemm ħtieġa għal kjarifika teknika li d-dejta mdaħħla mill-proprjetarji tista' tiġi limitata għal utenti partikolari. Dispożizzjoni fir-Regolament li tippermetti b'mod ċar lill-proprjetarji tad-dejta jillimitaw il-viżibbiltà għal utenti speċifiċi, iżżid b'mod konsiderevoli l-iskambju ta' informazzjoni u ttejjeb aktar il-possibbiltà li jiġi evitat, skopert u investigat il-frodi relatat mad-dwana. Barra minn hekk, il-viżibbiltà ristretta tipproteġi l-kunfidenzjalità u għalhekk ittejjeb il-livell ta' kunfidenza fis-sistema. Il-kapaċità ta' protezzjoni ta' dejta sensittiva twassal għal żieda fir-rieda li tiġi kondiviża l-informazzjoni fi ħdan is-sistema AFIS. Minbarra dan, il-funzjonalità tal-viżibbiltà ristretta tippermetti lill-Kummissjoni ttejjeb il-ġestjoni tad-dejta, u tagħmilha possibbli li tinħażen, tiġi aġġornata u mfittxija informazzjoni, u mhux skambjata biss.

*1.3.5. Il-ħtieġa għal superviżjoni tal-protezzjoni tad-dejta simplifikata*

B'konformità mal-leġiżlazzjoni attwali, żewġ korpi differenti (jiġifieri l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data - KEPD u l-Awtorità ta' Sorveljanza Konġunta Doganali - CJSA) iwettqu l-awditjar. Hemm każijiet fejn nuqqas ta' koordinazzjoni bejn dawn il-korpi twassal għal rakkomandazzjonijiet diverġenti li jikkawżaw użu ineffiċjenti tar-riżorsi fil-Kummissjoni u l-Istati Membri. Il-proċess ta' implimentazzjoni huwa mtawwal peress li huwa meħtieġ li jiġu akkomodati r-rakkomandazzjonijiet kemm tal-KEPD kif ukoll tas-CJSA. Dan jikkawża ineffiċjenza u jiġġenera kostijiet addizzjonali f'termini ta' żmien u riżorsi. It-twettiq ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet jista' jkompli saħansitra sena wara li jkun sar l-awditjar. Għalhekk hija meħtieġa kollaborazzjoni mill-qrib bejn iż-żewġ korpi superviżorji.

Kwistjoni oħra fil-qasam tal-protezzjoni tad-dejta li jeħtieġ li tiġi ċċarata ulterjorament hija r-responsabbiltà tas-sistemi tekniċi stabbiliti mill-Kummissjoni abbażi tar-Regolament (KE) Nru 515/97. Attwalment, il-Kummissjoni qiegħda tipprovdi lill-Istati Membri b'assistenza teknika, taħriġ, attività ta' komunikazzjoni u appoġġ operattiv ieħor permezz ta' sistemi tekniċi. Madankollu, ir-responsabbiltà għas-superviżjoni tal-protezzjoni tad-dejta fir-rigward

ta' dawn is-sistemi tekniċi għadha ma ġietx assenjata b'mod speċifiku. Għal din ir-raġuni, il-proposta tiċċara l-kompetenza tal-EDPS.

*1.3.6. Il-ħtieġa għal kjarifika dwar l-ammissibbiltà tal-evidenza miġbura taħt assistenza reċiproka*

Attwalment, l-prosekuturi qegħdin iżommu lura milli jużaw id-dokumenti miksuba permezz ta' mezzi ta' assistenza reċiproka bħala evidenza fi proċedimenti kriminali għaliex id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 515/97 mhumiex ċari biżżejjed fuq tali possibbiltà. Dan inevitabbilment jikkawża dewmien fil-proċedimenti kriminali nazzjonali jew jista' saħansitra jwassal għal ċaħda ta' każ minħabba preskrizzjoni. Fuq kollox, idgħajjef il-prinċipju ta' ċertezza legali, peress li d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 515/97 huma soġġetti għal interpretazzjonijiet differenti. Jidher neċessarju li jiġi ċċarat li l-evidenza miksuba permezz tal-assistenza reċiproka tista' tintuża mill-prosekuturi fil-proċedimenti kriminali nazzjonali. Il-proposta ma tobbligax lill-qrati nazzjonali jaċċettaw tali evidenza awtomatikament peress li xorta waħda trid tissodisfa r-regoli proċedurali nazzjonali.

*1.3.7. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew*

Il-Kummissjoni dan l-aħħar ipproponiet li jitwaqqaf l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew[3]. Fid-dawl tal-bidliet assoċjati fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tar-reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ħtieġa ta' reviżjoni tar-Regolament attwali ladarba jiġi stabbilit l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew. F'dak il-każ, l-awtoritajiet nazzjonali kollha tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-Unjoni għandhom jinfurmaw immedjatament lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew dwar kwalunkwe mġiba li tista' tikkostitwixxi reat taħt il-kompetenza tiegħu. F'konformità mal-abbozz ta' Regolament li jwaqqaf l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, dan tal-aħħar ser ikollu aċċess għad-databases operati mill-Kummissjoni jew l-Istati Membri skont dan ir-Regolament.

### 1.4. Is-soluzzjoni proposta

Sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' hawn fuq, jidher neċessarju li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 515/97.

## 2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

### 2.1. Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati

Il-Kummissjoni kkonsultat lill-partijiet interessati f'numru ta' okkażjonijiet u kkunsidrat il-kummenti rċevuti.

*2.1.1. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri*

L-Istati Membri kienu kkonsultati permezz ta' *kwestjonarju* fi Frar 2012. L-Istati Membri esprimew il-ħtiġijiet tagħhom għal aċċess għad-dejta relatata mad-dwana (importazzjoni, tranżitu u esportazzjoni) fir-rigward tat-tranżazzjonijiet fi Stat Membru ieħor u l-utilità perċepita tal-informazzjoni dwar il-movimenti tal-kontenitur. Dawn ipprovdew ukoll l-opinjonijiet tagħhom dwar l-aqwa mod kif tinġabar, tinħażen u tiġi analizzata tali informazzjoni.

---

[3] COM(2013)534, is-17 ta' Lulju 2013

F'Mejju 2012, il-Kummissjoni organizzat konferenza biex tiġbor ir-rispons u s-suġġerimenti mill-esperti tal-Istati Membri dwar il-funzjonament globali tas-Sistema ta' Informazzjoni għal Kontra l-Frodi (AFIS), kif ukoll dwar l-implimentazzjoni u l-prospetti tar-Regolament (KE) Nru 515/97. Il-konferenza tikkonsisti minn sessjoni plenarja u erba' workshops speċifiċi dwar il-kwistjonijiet legali, l-Operazzjoni Doganali Konġunta, l-applikazzjonijiet, u l-aspetti tekniċi u tas-sigurtà tal-IT tal-istatus attwali u l-evoluzzjoni futura tal-AFIS.

F'għadd ta' okkażjonijiet, il-Kummissjoni kkonsultat lill-"*Kumitat ta' Assistenza Reċiproka*", stabbilit abbażi tal-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 515/97, li jikkonsisti mir-rappreżentanti tal-Istati Membri responsabbli għall-kwistjonijiet ta' assistenza amministrattiva reċiproka. Diskussjonijiet riċenti saru matul il-laqgħat fl-24 ta' Mejju 2012 u fil-25 ta' Settembru 2012.

*2.1.2. Il-kumpaniji ta' tbaħħir – Il-Kunsill tat-Tbaħħir Dinji*

Konsultazzjoni kbira tal-industrija tat-tbaħħir seħħet fil-15 ta' Marzu 2012, bil-parteċipazzjoni ta' kumpaniji tas-settur privat u tal-Kunsill Dinji tat-Trasport Marittimu (WSC)[4]. L-għan kien li jinfurmaw lit-trasportaturi dwar l-inizjattiva proposta u biex jiksbu l-opinjoni tagħhom dwar il-forniment previst ta' CSMs lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll eżerċizzju pilota f'dan il-qasam. Id-diskussjoni ffokat fuq it-tip ta' dejta li t-trasportaturi tal-kontejners jridu jipprovdu lill-Kummissjoni u dwar kif din għandha ssir, kif ukoll il-metodi ta' trażmissjoni, eċċ. Il-Kummissjoni għamlet l-għalmu tagħha biex tinvolvi l-industrija fit-tħejjijiet, biex b'hekk tiżgura implimentazzjoni faċli tal-proposta tagħha.

Barra minn hekk, ġew organizzati diversi laqgħat bejn il-Kummissjoni u r-rappreżentanti tad-WSC.

Abbażi ta' dawn il-konsultazzjonijiet, ġie stabbilit it-tip ta' informazzjoni li għandha tiġi sottomessa mill-kumpaniji. Il-metodu l-aktar kosteffiċjenti għat-trażmissjoni ta' din l-informazzjoni huwa permezz ta' "depożitu globali", jiġifieri kopja ta' kuljum tal-movimenti kollha tal-konenituri. Alternattivament, il-kumpaniji jistgħu jagħżlu li jagħmlu sottomissjoni selettiva tad-dejta. Il-modalitajiet li fadal jeħtieġ li jiġu speċifikati ulterjorament.

L-industrija tat-tbaħħir enfasizzat il-ħtieġa li tiżgura li d-dejta pprovduta mill-kumpaniji għandha tiġi trażmessa darba biss. Il-Kummissjoni mbagħad għandha tkun responsabbli għall-komunikazzjoni ta' din id-dejta lill-istituzzjonijiet internazzjonali u/jew Ewropej, kif ukoll l-Istati Membri, għall-finijiet li għalihom huwa stabbilit id-database.

*2.1.3. Is-superviżuri għall-protezzjoni tad-dejta*

Matul il-kors ta' tħejjija għal din il-proposta, ġew organizzati laqgħat mal-EDPS u s-CJSA f'Mejju u Ġunju tal-2012.

## 2.2. Il-valutazzjoni tal-impatt

Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt tal-għażliet ta' politika, filwaqt li qieset il-konsultazzjonijiet tal-partijiet interessati. Il-konklużjoni kienet li, fost affarijiet oħra, is-soluzzjonijiet li kienu jfittxu l-emendi ewlenin tar-Regolament jinkludu dan li ġej:

- Joħolqu kundizzjonijiet għal ġlieda aktar b'saħħitha kontra l-frodi doganali relatat mad-**dikjarazzjoni ħażina tal-oriġini tal-oġġetti** permezz tas-sottomissjoni tal-

[4] Il-membri tad-WSC jipprovdu servizzi ta' trasport li jammontaw għal madwar 60 fil-mija tal-valur tal-kummerċ bil-baħar dinji. Id-WSC ġeneralment jipprovdi leħen ikkoordinat għall-industrija tat-tbaħħir tal-linja.

Messaġġi dwar l-Istatus tal-Kontejner mit-trasportaturi tal-baħar fond lill-Kummissjoni. Il-metodu ta' sottomissjoni rakkomandat huwa rapportar globali ("depożitu globali") li jinvolvi kostijiet qrib iż-żero. Metodu ta' sottomissjoni alternattiv huwa possibbli wkoll.

- Joħolqu kundizzjonijiet għal ġlieda aktar b'saħħitha kontra l-frodi doganali relatat mad-**deskrizzjoni ħażina tal-oġġetti** permezz tal-ħolqien ta' database ċentrali għad-dejta dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni. Jeħtieġ li tinħoloq bażi legali għall-forniment ta' tali dejta. Din il-miżura mhux ser timponi xi kost addizzjonali fuq l-Istati Membri peress li l-informazzjoni li hija meħtieġa diġà teżisti b'format elettroniku, jiġifieri fid-databases rispettivi operati mill-Kummissjoni. Għaldaqstant, huwa meħtieġ biss il-kunsens tal-Istati Membri biex tiġi kkupjata din id-dejta.
- Joħolqu kundizzjonijiet għal ġlieda aktar b'saħħitha kontra l-frodi doganali relatat mal-**użu ħażin tas-sistema ta' tranżitu** permezz tal-ħolqien ta' repożitorju ċentralizzat għal dejta relatata mat-tranżitu.
- **Iħaffu l-investigazzjonijiet tal-OLAF** billi jippermettu aċċess dirett għad-dokumenti li jappoġġjaw l-importazzjonijiet. Il-kostijiet mistennija għall-operaturi tas-settur privat huma qrib iż-żero, peress li l-obbligu diġà jeżisti (in-negozji huma meħtieġa mil-liġi nazzjonali u anki mill-Kodiċi Doganali li jżommu d-dokumentazzjoni rilevanti). Fuq kollox, il-volum mistenni ta' talbiet indirizzati lill-operaturi ekonomiċi li jkunu neċessarji għall-investigazzonijiet tal-OLAF huwa mistenni li jkun żgħir ħafna (xi ftit każijiet fis-sena).

Il-Valutazzjoni tal-Impatt ikkonkludiet li l-għażliet proposti huma f'konformità mad-drittijiet fundamentali. F'dan il-kuntest, huwa importanti li jiġi osservat li d-database CSM previst ma jkun fih ebda dejta personali. Databases dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni u tranżitu jkun fihom dejta personali u protezzjoni ta' din id-dejta li għandha tiġi ssorveljata mill-KEPD skont standards diġà applikabbli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 515/97.

## 3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

### 3.1. Il-bażi legali

Il-proposta għal emenda tar-Regolament (KE) Nru 515/97 għandha tkun ibbażata fuq l-Artikoli 33 u 325 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

L-Artikolu 33 tat-TFUE jipprovdi l-bażi biex jiġi kopert il-biċċa l-kbira tal-ambitu tal-iskambji ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u bejn l-awtoritajiet doganali u l-Kummissjoni għall-fini ta' kooperazzjoni doganali. L-Artikolu 325 tat-TFUE jistabbilixxi l-kompetenza tal-UE biex tadotta l-miżuri meħtieġa fl-oqsma tal-prevenzjoni tal-frodi u kwalunkwe attivitajiet illegali oħrajn u l-ġlieda kontrihom li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li "jaġixxu bħala deterrent". L-Artikolu 325(4) u l-Artikolu 33 tat-TFUE jipprevedu proċedura leġiżlattiva biex jiġu adottati l-miżuri meħtieġa bl-għan li tiġi offruta protezzjoni effettiva u ekwivalenti.

### 3.2. Is-sussidjarjetà, il-proporzjonalità u r-rispett għad-drittijiet fundamentali

#### *3.2.1. Is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità*

Il-ħtieġa għal leġiżlazzjoni fuq il-livell tal-UE dwar l-assistenza amministrattiva reċiproka u l-kooperazzjoni doganali toħroġ mill-fatti li ġejjin:

- Il-ħtieġa għal leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-assistenza amministrattiva u l-kooperazzjoni doganali diġà ġiet rikonoxxuta mil-leġiżlatur Ewropew bl-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 515/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/917/ĠAI.
- Huwa rikonoxxut li ħafna mir-riskji doganali jimmanifestaw ruħhom fuq bażi transnazzjonali. Katini tal-provvista illegali jistgħu jadattaw malajr għat-titjib fl-ambjent tal-ġestjoni tar-riskju f'punt partikolari ta' dħul u jiffokaw fuq punti oħra b'livelli ta' protezzjoni aktar baxxa. Hija meħtieġa azzjoni fuq il-livell tal-UE biex jiġi żgurat livell ekwivalenti ta' protezzjoni kontra r-riskji doganali fil-punti kollha tal-fruntieri esterni, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 648/2005.
- Peress li l-kummerċ huwa globali, l-Istati Membri waħedhom ma jistgħux josservaw, jidentifikaw u jtaffu r-riskji li jinvolvu ksur tal-leġiżlazzjoni doganali u riskji relatati mad-dwana oħrajn; l-azzjoni komplimentari fuq il-livell tal-UE tiffaċilita sostanzjalment il-ħidma tal-Istati Membri fl-insegwiment tal-investigazzjonijiet, speċjalment f'każijiet fejn huma involuti trasferimenti transfruntiera ta' oġġetti. L-organizzazzjoni ta' attivitajiet fil-qasam tal-kooperazzjoni doganali fuq il-livell tal-UE, toħloq valur miżjud sinifikanti, b'approċċ koerenti u koordinazzjoni tal-attivitajiet.
- L-UE għandha kompetenza esklussiva fl-oqsma tal-prevenzjoni tal-frodi u l-Unjoni Doganali.
- Mill-konsultazzjoni mal-partijiet interessati huwa ċar li sottomissjoni ċentrali waħda tas-CSMs ser ikollha kostijiet aktar baxxi minn sottomissjoni biss lill-Istat Membru minn fejn il-kontejner jidħol jew joħroġ mit-territorju doganali tal-Unjoni.
- L-UE tinsab fl-aħjar pożizzjoni biex tmexxi azzjoni kollettiva bħal din peress li diġà għandha l-esperjenza, is-sistemi u l-għarfien espert meħtieġa biex tiggarantixxi l-ġbir, il-komunikazzjoni u l-kondiviżjoni rapida u kosteffiċjenti tad-dejta.
- L-awtoritajiet doganali nazzjonali waħedhom ma jistgħux jikkondividu b'mod effettiv l-informazzjoni u jwettqu ġlieda fuq skala kbira kontra l-ksur tal-leġiżlazzjoni doganali u riskji doganali oħrajn b'kost raġonevoli. Il-ġbir sistemiku tad-dejta meħtieġa biex jiġu analizzati r-riskji doganali li joħolqu theddida għall-UE u l-Istati Membri tagħha, jikkostitwixxi sforz sproporzjonat għat-28 Stat Membru individwali u jista' jintlaħaq b'mod aktar effettiv u effiċjenti permezz ta' azzjoni fuq il-livell tal-UE.

Għalhekk, jista' jiġi konkluż li l-azzjoni tal-UE għall-ġbir, il-ħażna, l-ipproċessar, l-użu u t-tqegħid għad-dispożizzjoni tad-dejta identifikata f'dan ir-Regolament fl-insegwiment tal-ġlieda kontra l-frodi u riskji doganali oħrajn lill-Istati Membri hija meħtieġa u proporzjonata għall-għamla u l-iskala tar-riskji kkonċernati, u tissodisfa l-prinċipju ta' solidarjetà.

### *3.2.2. Ir-relazzjoni mad-drittijiet fundamentali*

Din l-inizjattiva tikkonċerna b'mod partikolari d-dritt fundamentali għal protezzjoni tad-dejta personali. Dan id-dritt huwa stabbilit fl-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Artikolu 16 TFUE, abbażi tad-Direttiva 95/46/KE, kif ukoll fl-Artikolu 8 tal-KEDB.

Ir-rispett tad-drittijiet ta' protezzjoni tad-dejta personali diġà ġie kkunsidrat b'mod xieraq fir-Regolament (KE) Nru 515/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/917/ĠAI permezz ta' regoli b'saħħithom fir-rigward tal-kopertura tal-kontenut tad-dejta, il-preservazzjoni tad-dejta u s-superviżjoni tal-protezzjoni tad-dejta. F'dan il-kuntest, huwa importanti li jiġi osservat li d-

database CSM previst ma jkun fih ebda dejta personali. Databases dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni u tranżitu jkun fihom dejta personali u protezzjoni ta' dik id-dejta li għandha tiġi żgurata mill-KEPD skont standards diġà applikabbli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 515/97.

*3.2.3. Valur miżjud*

L-azzjoni proposta fuq il-livell tal-UE ttejjeb b'mod sinifikanti l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni u l-prevenzjoni tal-frodi relatati mad-dwana, billi żżid l-iskambju tal-informazzjoni u l-evidenza disponibbli, u ttejjeb il-funzjonament tas-sistema stabbilita, u b'hekk tnaqqas l-azzjoni b'mod aktar effiċjenti u effettiv. Issaħħaħ ukoll il-kapaċità tal-UE li tidentifika u tnaqqas ir-riskji identifikati fl-Artikolu 4(25) tal-Kodiċi Doganali Komunitarju, inkluż it-theddid li jinħoloq għas-sigurtà u s-sikurezza tal-Unjoni, għas-saħħa tal-pubbliku, għall-ambjent u għall-konsumaturi. Għaldaqstant, l-azzjoni prevista ser issaħħaħ il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, ittejjeb il-ġestjoni tar-riskju, u tippromwovi ulterjorament il-kooperazzjoni doganali.

Sabiex jiġi ggarantit li jitwassal il-valur sħiħ, il-Kummissjoni ser tiżgura li t-tmexxija u l-amministrazzjoni tad-databases futuri u l-informazzjoni dwar is-CSMs, it-tranżitu, l-importazzjoni u l-esportazzjoni tiġi kondiviża bejn is-servizzi tagħha għall-finijiet indikati fir-Regolament. Din ser tiżgura li d-databases huma disponibbli għal inkoporazzjoni mingħajr xkiel fl-attivitajiet ta' ġestjoni tar-riskju tal-Kummissjoni u l-Istati Membri, inkluż analiżi tar-riskju ta' qabel il-wasla u ta' qabel it-tluq f'ħin reali. Ser tiġi pprovduta struttura ta' tmexxija tal-interservizzi biex tiġi ssimplifikata l-ġestjoni operattiva u l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet għall-protezzjoni u s-sigurtà tad-dejta.

## 3.3. L-għażla tal-istrumenti

L-istrument propost huwa Regolament, li jikkorispondi għall-istrument li qiegħed jiġi emendat.

## 3.4. Dispożizzjonijiet speċifiċi

*3.4.1. Definizzjonijiet – l-Artikolu 2*

Id-definizzjoni tal-kunċett ta' leġiżlazzjoni doganali huwa aġġornat, sabiex it-terminoloġija tkun allinjata mal-qasam doganali, jiġifieri ż-żieda ta' referenza għad-dħul u l-ħruġ ta' oġġetti. Definizzjoni tal-fornituri tas-servizzi attivi fil-katina tal-provvista internazzjonali sabiex jiġi ċċarat għal min għandu japplika l-obbligu stabbilit fl-Artikolu 18c(1).

*3.4.2. L-ammissibbiltà ta' evidenza – l-Artikolu 12*

L-emenda proposta tal-Artikolu 12 għandha l-għan li tneħħi l-inċertezza legali li teżisti attwalment fir-rigward tal-użu possibbli tal-informazzjoni miġbura permezz tal-assistenza reċiproka bħala evidenza fil-proċedimenti kriminali nazzjonali.

*3.4.3. L-informazzjoni relatata mal-movimenti ta' kontejners – l-Artikolu 18a u l-Artikoli 18c, 18d, 18e u 18f.*

L-Artikolu 18a tar-Regolament (KE) Nru 515/97 jipprevedi t-twaqqif ta' direttorju għall-ġbir tad-dejta dwar il-movimenti tal-kontejners u għall-analiżi ta' din id-dejta. Madankollu, il-formulazzjoni ta' dan l-Artikolu ma tobbligax lill-operaturi ekonomiċi (jiġifieri t-trasportaturi) ifornu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni li għandha tiddaħħal fid-direttorju (jiġifieri l-Messaġġi dwar l-Istatus tal-Kontejner - CSMs). Għaldaqstant, filwaqt li l-Kummissjoni eżaminat l-effettività ta' dan id-direttorju u s-sistema ta' analiżi hija ta' kwalità ppruvata, dan huwa limitat fil-kwalità minħabba l-aċċess insuffiċjenti għad-dejta meħtieġa.

L-emendi proposti għandhom l-għan li jiżguraw li tiġi pprovduta d-dejta meħtieġa, billi joħolqu obbligu f'Artikolu 18c ġdid għall-fornituri tas-servizzi rilevanti biex ifornu l-informazzjoni inkwistjoni. Din l-informazzjoni tista' tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-ġlieda kontra diversi tipi ta' frodi doganali inkluż id-dikjarazzjoni ħażina ta' oriġini, u għall-ġestjoni ta' riskji doganali oħrajn identifikati fl-Artikolu 4(25) tal-Kodiċi Doganali Komunitarju.

L-Artikolu 18d jispeċifika li għall-kontejners maħsuba li jiddaħħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni, il-perjodu ta' żmien ta' rapportar huwa delimitat mill-istatus vojt tal-kontenitur. Fil-prattika, dan ifisser li t-trasportaturi ser ikollhom jirrapportaw lis-CSMs għall-kontejners importati fl-UE minn dak il-mument eżatt meta l-kontejner kien vojt qabel ma jkun jista' jiddaħħal fit-territorju doganali tal-Unjoni sa dak il-punt fejn il-kontejner jerġa' jiġi rrapportat vojt wara li jkun ħalla t-territorju doganali tal-Unjoni. Għall-kontejners li jħallu t-territorju doganali tal-Unjoni, il-perjodu ta' żmien għar-rapportar huwa limitat sa dak il-punt fejn il-kontejner huwa rrapportat vojt barra t-territorju doganali tal-Unjoni. Jekk ma jkunx possibbli li jiġu ddeterminati l-avvenimenti speċifiċi meta l-kontejner ikun vojt, it-trasportaturi jistgħu jirrapportaw lis-CSMs skont il-perjodi ta' żmien li ġejjin:

(a) għall-kontejners maħsuba li jaslu fit-territorju doganali tal-Unjoni: 3 xhur qabel il-wasla fit-territorju doganali tal-Unjoni u xahar wara l-wasla fit-territorju doganali tal-Unjoni jew meta jintlaħaq post mhux tal-UE (skont liema minnhom jiġi l-ewwel).

(b) għal kontejners li jitilqu mit-territorju doganali matul it-3 xhur wara li l-kontejner ikun ħalla t-territorju doganali tal-Unjoni.

Mingħajr preġudizzju għall-eżitu tal-analiżi li għadha għaddejja, jista' jkun previst li l-elementi ewlenin tal-atti ddelegati futuri jkunu kif ġejjin:

L-att iddelegat previst fl-Artikolu 18f(1), fost l-oħrajn, ser jistabbilixxi l-avvenimenti eżatti li għalihom is-CSMs ser ikollhom jiġu rrapportati lill-Kummissjoni. Dawn jistgħu jinkludu dan li ġej: il-konferma tal-prenotazzjoni, il-wasla f'faċilità ta' tagħbija jew ħatt, it-tluq minn faċilità ta' tagħbija jew ħatt, it-tagħbija fuq mezz ta' trasport jew il-ħatt minnu, struzzjoni ta' mili jew żvujtar, konferma ta' mili jew żvujtar, movimenti intraterminali, spezzjoni fit-terminal gate u t-twassil għal tiswija kbira.

Sa fejn huwa kkonċernat, kull trasportatur jista' jagħżel jew li:

(a) jissottometti, ta' kuljum, is-CSMs il-ġodda kollha ġġenerati jew miġbura fis-sistema ta' intraċċar tat-tagħmir elettroniku tat-trasportatur fl-24 siegħa ta' qabel irrispettivament jew is-CSMs jikkonċernawx kontejners li huma maħsuba li jiddaħħlu/jinħarġu mit-territorju doganali tal-Unjoni jew le ("depożitu ta' dejta"); jew

(b) jissottometti, ta' kuljum, is-CSMs relatati b'mod speċifiku mal-kontejners (kemm jekk mgħobbija kif ukoll jekk le) maħsuba li jiddaħħlu/jinħarġu barra mit-territorju doganali tal-Unjoni, iġġenerati jew miġbura fis-sistema ta' tagħmir elettroniku tat-trasportaturi fi żmien 24 siegħa.

L-elementi minimi ta' dejta tal-messaġġi CSM ser jiġu stabbiliti wkoll permezz ta' atti ddelegati. Il-formati u l-metodi tal-messaġġi ta' trażmissjoni tas-CSMs ser jiġu ddeterminati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

### 3.4.4. *Id-dejta relatata mal-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu – l-Artikolu 18g ġdid*

Bl-għan li jkun hemm kontrolli aktar immirati u tiżdied l-effettività tal-ġlieda kontra l-frodi doganali, huwa propost li tiġi introdotta bażi legali għall-ipproċessar tad-dejta dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni.

Fir-rigward ta' dejta relatata mat-tranżitu, arranġament amministrattiv dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar it-tranżitu ta' kontra l-frodi kien stabbilit fl-2011 bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri[5]. Taħt dan l-arranġament l-OLAF awtomatikament jirċievi informazzjoni dwar il-moviment ta' merkanzija mqiegħda fi tranżitu. L-OLAF janalizza din id-dejta u jipprovdi rapporti li jiġu kondiviżi b'mod regolari mal-Istati Membri u s-servizzi interessati tal-Kummissjoni. Madankollu, filwaqt li jirrikonoxxu l-isforzi tal-Kummissjoni, diversi Stati Membri jħossu li l-Kummissjoni għandha tiddefinixxi bażi legali aktar ċara għal din l-attività li tieħu post dan l-arranġament. Il-proposta tintroduċi l-bażi legali xierqa. Dan ma joħloq l-ebda piż ta' rapportar addizzjonali fuq l-Istati Membri, peress li d-dejta elettronika diġà hija ċirkulata u skambjata fost l-Istati Membri f'sistema elettronika mħaddma mill-Kummissjoni. Il-proposta tinvolvi r-replikazzjoni tad-dejta mis-sistemi mħaddma mill-Kummissjoni u l-analiżi ta' din id-dejta sabiex jiġu intraċċati l-każijiet frawdolenti u jinbnew mudelli utli għall-identifikazzjoni tal-frodi doganali u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea. Id-database propost ser ikun disponibbli għall-użu mill-Kummissjoni u l-amministrazzjonijiet doganali tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni hija l-kontrollur tad-dejta responsabbli għal dan id-direttorju.

L-Artikolu 13(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju jeħtieġ li l-kontrolli doganali (minbarra l-verifiki fuq il-post) ikunu bbażati fuq l-analiżi tar-riskju permezz ta' tekniki ta' pproċessar tad-dejta awtomatizzati, u tipprevedi l-istabbilment ta' qafas ta' ġestjoni tar-riskju komuni f'dak il-kuntest. L-Artikolu 4(25) jiddefinixxi r-riskji kkonċernati, u l-Artikolu 4(26) jipprovdi għall-attivitajiet ta' ġestjoni tar-riskju biex jiġu inklużi l-"ġbir ta' dejta u ta' informazzjoni, l-analiżi u l-istima tar-riskju, il-preskrizzjoni u t-teħid ta' azzjoni u l-monitoraġġ regolari u r-reviżjoni tal-proċess u r-riżultati tiegħu, fuq il-bażi ta' sorsi u strateġiji internazzjonali, Komunitarji u nazzjonali." Għalhekk huwa xieraq li jiġi żgurat li d-dejta miġbura tista' tintuża fil-ġestjoni tar-riskju għar-riskji doganali kollha u biex tiġi prevista d-disponibbiltà tagħhom għall-awtoritajiet rilevanti fuq livell tal-UE u l-Istati Membri għal dan l-għan f'ċirkostanzi xierqa.

### 3.4.5. *Dokumenti ta' appoġġ – l-Artikolu 18h ġdid*

F'każijiet fejn l-OLAF ikun jeħtieġ dokumenti ta' sostenn relatati mad-dwana għall-finijiet ta' investigazzjonijiet, dan ma jistax jitlobhom direttament lill-operaturi ekonomiċi iżda jeħtieġ l-intermedjazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali. Dan iwassal għal dewmien fl-investigazzjoni u, frekwentement, biex l-investigazzjonijiet ma jirnexxux minħabba preskrizzjoni. Dan huwa partikolarment problematiku f'każijiet relatati mad-dwana fejn japplika l-perjodu ta' limitazzjoni ta' tliet snin. Is-sitwazzjoni marret għall-agħar mill-1 ta' Jannar 2011 bl-introduzzjoni riċenti tal-e-Customs peress li d-dokumenti ta' sostenn għad-dikjarazzjonijiet tal-importazzjoni u l-esportazzjoni (fattura, ċertifikat ta' oriġini, eċċ) ma għandhomx jinżammu mill-amministrazzjonijiet doganali iżda mill-operaturi ekonomiċi.

---

5 L-arranġament amministrattiv tal-ATIS ġie adottat fi Brussell fis-6 ta' Lulju 2011, bejn il-Kumitat dwar l-Assistenza Reċiproka, kopert mill-Artikolu 43 tar-Regolament 515/97 u l-Grupp ta' Ħidma tal-KE/EFTA dwar it-Tranżitu Komuni u s-Simplifikazzjoni tal-Formalitajiet fil-Kummerċ tal-Oġġetti.

Bl-għan li jitħaffu l-proċeduri ta' investigazzjoni, hija proposta dispożizzjoni ġdida biex tagħti setgħa lill-Kummissjoni biex tikseb direttament mill-kumpaniji tas-settur privat, id-dokumenti ta' sostenn għad-dikjarazzjoni ta' importazzjoni u esportazzjoni, għall-finijiet tal-investigazzjoni bbażata fuq ir-Regolament (KE) Nru 515/97.

*3.4.6. Il-viżibbiltà ristretta u l-pubblikazzjoni tal-awtoritajiet – l-Artikoli 29 u 30*

Huwa mistenni li l-introduzzjoni tal-possibbiltà li jintgħażlu l-utenti potenzjali tad-dejta (viżibbiltà ristretta) iżżid b'mod sinifikanti l-użu tad-databases mill-Istati Membri u konsegwentement tikkontribwixxi għall-effiċjenza. Għaldaqstant, huwa propost li l-Artikolu 29 jiġi emendat kif xieraq. L-emenda proposta tinkludi wkoll mod aktar flessibbli għall-pubblikazzjoni tal-aġġornament tal-listi tal-awtoritajiet rilevanti msemmija fl-Artikoli 29 u 30.

*3.4.7. Il-protezzjoni tad-dejta – l-Artikoli 18b, 33, 37 u 38*

L-istruttura kumplessa tas-superviżjoni tar-regoli ta' protezzjoni tad-dejta tirriżulta mill-istruttura legali doppja tas-sistema ta' informazzjoni doganali: Ir-Regolament (KE) Nru 515/97, Artikolu 37(3)(a); u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/917/ĠAI, Artikolu 25(2) li jirriflettu l-istruttura ta' qabel Lisbona. Għalhekk, twaqqfu żewġ korpi separati: Is-CJSA u l-KEPD jiżguraw li r-regoli ta' protezzjoni tad-dejta jiġu implimentati skont il-leġiżlazzjoni. Madankollu, peress li r-rakkomandazzjonijiet huma applikabbi għaż-żewġ partijiet tas-sistema tal-IT, huwa ovvjament diffiċili biex jiġu implimentanti l-opinjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet differenti. Dan iwassal għall-użu eċċessiv tar-riżorsi.

Biex tiġi indirizzata din il-problema, il-proposta tintroduċi dispożizzjoni li għandha l-għan li tissimplifika u tarmonizza r-regoli għas-superviżjoni tar-regoli ta' protezzjoni tad-dejta applikabbli għal kull waħda mis-sistemi. L-għan huwa li tiġi żgurata l-koerenza matul il-proċess ta' superviżjoni u li jiġi mħeġġeġ l-użu ta' awditjar komuni, li jwassal għal rapporti konġunti.

Barra minn hekk, il-proposta tiċċara li l-KEPD huwa responsabbli għas-superviżjoni tal-protezzjoni tad-dejta tas-sistemi tekniċi stabbiliti mill-Kummissjoni abbażi ta' dan ir-Regolament.

Il-proposta tintroduċi wkoll perjodu massimu ta' żamma ta' għaxar snin għal dejta maħżuna fis-CIS, li tistipula wkoll li f'każijiet fejn id-dejta personali tinħażen għal perjodu li jaqbeż l-għaxar snin, il-KEPD għandu jiġi infurmat kif xieraq.

Fl-aħħar, sabiex jiġu salvagwardjati r-regoli li jirregolaw il-protezzjoni tad-dejta, hija introdotta dispożizzjoni speċifika fl-Artikolu 38 dwar is-sigurtà tal-ipproċessar.

*3.4.8. Il-Konsistenza mat-Trattat ta' Lisbona – l-Artikolu 23(4), l-Artikolu 25(1), l-Artikolu 33, l-Artikolu 38, l-Artikolu 43 u l-Artikolu 43a*

Sabiex tiġi inkoraġġita l-konsistenza tar-Regolament (KE) Nru 515/97 mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-emenda proposta tqis l-aġġustamenti meħtieġa fir-rigward tal-għoti tas-setgħat iddelegati lill-Kummissjoni (Artikolu 290 tat-TFUE) jew is-setgħat ta' implimentazzjoni (Artikolu 291 tat-TFUE).

### 3.5. Dħul fis-seħħ

L-Artikolu 18c(1) propost jintroduċi obbligu għall-operaturi tas-settur pubbliku jew privat fil-katina internazzjonali biex jibagħtu lill-Kummissjoni dejta dwar il-movimenti tal-kontejners. Peress li d-dispożizzjoni tista' tkun f'kunflitt mal-obbligi kuntrattwali bejn il-kumpaniji u l-klijenti tagħhom li huma relatati man-nuqqas ta' divulgazzjoni u l-kunfidenzjalità, l-

Artikolu li jikkonċerna d-dħul fis-seħħ jipprevedi perjodu tranżitorju xieraq, li matulu t-trasportaturi għandhom jinnegozjaw mill-ġdid il-kuntratti taħt id-dritt privat sabiex jikkonformaw mar-Regolament emendat.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

L-isforz baġitarju jikkonċerna prinċipalment il-kostijiet tal-IT biex tinżamm u tiġi żviluppata ulterjorament is-sistema AFIS eżistenti. Il-kostijiet relatati mal-implimentazzjoni ta' din il-proposta ser jiġu indirizzati fi ħdan il-qafas tat-tbassir eżistenti fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u għalhekk mhija meħtieġa ebda talba addizzjonali għal allokazzjoni baġitarja. Il-kostijiet globali tal-proposta huma komparabbli ma' dawk tal-perjodu preċedenti u huma kkunsidrati bħala sempliċement kontinwazzjoni tal-kostijiet rikorrenti. L-iżvilupp baġitarju relatat ma' din il-proposta huwa f'konformità mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali.

2013/0410 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 33 u 325 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkonsultaw il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data,

Wara li kkonsultaw il-Qorti tal-Awdituri,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Sabiex jiġi żgurat li r-Regolament (KE) Nru 515/97 ikopri l-movimenti kollha possibbli ta' oġġetti fir-rigward tat-territorju doganali tal-Unjoni, huwa xieraq li tiġi ċċarata d-definizzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali fir-rigward tal-kunċett tad-dħul u l-ħruġ ta' oġġetti.

(2) Bl-għan li jissaħħu l-proċeduri amministrattivi u kriminali għall-indirizzar tal-irregolaritajiet, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-evidenza miksuba permezz tal-assistenza reċiproka tista' tiġi kkunsidrata bħala ammissibbli fil-proċeduri quddiem l-awtoritajiet ammininistrattivi u ġudizzjarji tal-Istat Membru tal-awtorità applikanti.

(3) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Ġestjoni tar-Riskju Doganali u s-Sigurtà tal-Katina tal-Provvista COM(2012)793 tirrikonoxxi ħtieġa urġenti li tittejjeb il-kwalità u d-disponibbiltà tad-dejta għall-użu fl-analiżi tar-riskju qabel il-wasla, b'mod partikolari għall-identifikazzjoni effettiva u l-mitigazzjoni tar-riskji ta' sigurtà u sikurezza fuq livelli nazzjonali u tal-UE, fi ħdan il-Qafas ta' Ġestjoni tar-Riskju Komuni stabbilit skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92. L-integrazzjoni tad-dejta dwar il-movimenti tal-kontejner fil-ġestjoni tar-riskju ta' qabel il-wasla, ser ittejjeb ħafna l-viżibbiltà tal-katina tal-provvista u ser issaħħaħ b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-UE u l-Istati Membri biex jimmiraw il-konsinji b'riskju akbar għall-kontrolli, filwaqt li jiffaċilitaw il-fluss tal-kummerċ leġittimu.

(4) Bl-għan li tiġi miżjuda ċ-ċarezza, il-konsistenza u t-trasparenza, huwa meħtieġ li jiġi ddefinit f'termini aktar konkreti, l-awtoritajiet li għandu jkollhom aċċess għad-direttorji stabbiliti abbażi ta' dan ir-Regolament;għal dan l-għan ser tiġi stabbilita referenza uniformi għall-awtoritajiet kompetenti.

(5) Id-dejta li tikkonċerna l-movimenti tal-kontenituri, tagħmilha possibbli li jiġu identifikati x-xejriet ta' riskju u frodi fir-rigward tal-oġġetti li jidħlu ġewwa u joħorġu barra mit-territorju doganali tal-Unjoni. Tali dejta sservi biex tassisiti fl-operazzjonijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni u prosekuzzjoni li huma jew jidhru li jikkostitwixxu ksur tal-leġiżlazzjoni doganali, u biex tassisti lill-awtoritajiet kompetenti fil-ġestjoni tar-riskji doganali ddefiniti fil-punt 25 tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92. Sabiex jinġabar u jintuża sett ta' dejta li jkun komplut kemm jista' jkun, filwaqt li jiġu evitati l-impatti negattivi potenzjali fuq l-impriżi żgħar u medji fis-settur tat-twassil tal-merkanzija, huwa neċessarju li l-fornituri tas-settur pubbliku jew privat attivi fil-katina tal-provvista internazzjonali jissottomettu lill-Kummissjoni, dejta li tikkonċerna l-movimenti tal-kontejners sakemm u sa fejn jiġbru tali dejta b'formati elettroniċi permezz tas-sistemi ta' intraċċar tat-tagħmir tagħhom jew ikollhom aċċess għal tali dejta.

(6) Il-kxif ta' frodi, l-identifikazzjoni tax-xejriet tar-riskju u l-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' ġestjoni tar-riskju effettivi, jiddependu fuq l-identifikazzjoni u l-kontroanaliżi tas-settijiet ta' dejta operattivi rilevanti. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi stabbilit fil-livell tal-Unjoni Ewropea, direttorju li jkun fih dejta dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu ta' oġġetti inkluż it-tranżitu ta' oġġetti fi ħdan l-Istati Membri u l-esportazzjoni diretta. Għal dak l-għan, l-Istati Membri għandhom jippermettu r-replikazzjoni sistematika tad-dejta dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu tal-oġġetti mis-sistemi operati mill-Kummissjoni u għandhom ifornu lill-Kummissjoni, dejta relatata mat-tranżitu ta' oġġetti fi ħdan Stat Membru u l-esportazzjoni diretta.

(7) Għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 18b, il-Kummissjoni ħolqot għadd ta' sistemi tekniċi li jippermettu t-twassil ta' assistenza teknika, it-taħriġ jew l-attività ta' komunikazzjoni u attività operattiva oħra lill-Istati Membri. Dawn is-sistemi tekniċi jeħtieġ li jissemmew b'mod espliċitu f'dan ir-Regolament u koperti mir-rekwiżiti ta' protezzjoni tad-dejta.

(8) L-introduzzjoni tal-e-Customs (Dwana elettronika) fl-2011, li permezz tagħha d-dokumenti li jappoġġjaw l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ma għadhomx jinżammu mill-amministrazzjonijiet doganali iżda mill-operaturi tekniċi, wasslet għal dewmien fit-twettiq tal-investigazzjonijiet tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) fiż-żona doganali, peress li l-OLAF jeħtieġ l-intermedjazzjoni ta' dawn l-amministrazzjonijiet biex jikseb dawn id-dokumenti. Barra minn hekk, il-perjodu ta' limitazzjoni ta' 3 snin applikabbli għad-dokumenti doganali miżmuma mill-amministrazzjoni, joħloq restrizzjonijiet addizzjonali għat-twettiq b'suċċess tal-investigazzjonijiet. Għalhekk, sabiex jitħaffef it-twettiq tal-investigazzjonijiet fil-qasam tad-dwana, il-Kummissjoni għandu jkollha d-dritt li titlob dokumenti li jsostnu d-dikjarazzjonijiet tal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet direttament mill-operaturi ekonomiċi kkonċernati. Dawn l-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu obbligati li jipprovdu lill-Kummissjoni bid-dokumenti mitluba.

(9) Sabiex tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tad-dejta mdaħħla, għandha ssir dispożizzjoni biex l-aċċess għad-dejta mdaħħla jiġi limitat għal utenti speċifiċi biss.

(10) Sabiex tiġi żgurata informazzjoni aġġornata u jiġu assigurati t-trasparenza u d-dritt ta' informazzjoni tas-suġġetti tad-dejta kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Direttiva 95/46/KE, għandha tiġi introdotta l-possibbiltà li jiġu ppubblikati aġġornamenti fuq l-internet tal-listi ta' awtoritajiet kompetenti magħżula mill-Istati

Membri u d-dipartimenti tal-Kummissjoni biex ikollhom aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali (CIS).

(11) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta japplika għall-ipproċessar tad-dejta personali mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni.

(12) Sabiex tittejjeb il-konsistenza tas-superviżjoni tal-protezzjoni tad-dejta, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jeħtieġ li jikkoopera mill-qrib mal-Awtorità ta' Sorveljanza Konġunta stabbilita skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/917/ĠAI, bl-għan li tintlaħaq koordinazzjoni tal-awditjar tas-CIS.

(13) Id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-ħażna tad-dejta fis-CIS, frekwentament jirriżultaw f'telf mhux ġustifikabbli ta' informazzjoni, dan għaliex l-Istati Membri ma jwettqux sistematikament ir-reviżjonijiet annwali minħabba l-piż amministrattiv involut. Għalhekk huwa neċessarju li tiġi ssimplifikata l-proċedura li tirregola l-ħażna tad-dejta fis-CIS billi jitneħħa l-obbligu li tiġi riveduta d-dejta kull sena u billi jiġi stabbilit perjodu massimu ta' żamma ta' għaxar snin, li jikkorispondi għall-perjodi previsti għad-direttorji stabbiliti abbażi ta' dan ir-Regolament. Dan il-perjodu huwa neċessarju minħabba l-proċeduri twal għall-ipproċessar tal-irregolaritajiet u peress li din id-dejta hija meħtieġa għat-twettiq tal-operazzjonijiet doganali konġunti u tal-investigazzjonijiet. Barra minn hekk, biex jiġu salvagwardjati r-regoli li jirregolaw il-protezzjoni tad-dejta, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandu jiġi infurmat dwar il-każijiet fejn id-dejta personali hija maħżuna f'CIS għal perjodu li jaqbeż il-ħames snin.

(14) Sabiex jissaħħu aktar il-possibbiltajiet għall-analiżi tal-frodi u jiġi ffaċilitat it-twettiq tal-investigazzjonijiet, id-dejta li tikkonċerna l-fajls ta' investigazzjoni attwali fil-Bażi tad-Data għall-Identifikazzjoni ta' Fajls (FIDE) għandha tkun anonima, wara sena mill-aħħar osservazzjoni, u miżmuma b'forma fejn ma tkunx aktar possibbli l-identifikazzjoni tas-suġġett tad-dejta.

(15) Peress li l-għanijiet tat-tisħiħ tal-ġestjoni tar-riskju doganali kif iddefiniti fl-Artikolu 4 punti 25 u 26, u l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità, u tat-titjib tal-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prevenzjoni tal-frodi relatat mad-dwana fl-Unjoni ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom, l-Unjoni tista' taġixxi skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex jintlaħqu l-għanijiet iddikjarati.

(16) Il-fornituri tas-servizz pubbliku jew privat attivi fil-katina tal-provvista internazzjonali li, meta jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament, huma marbuta b'obbligi ta' kuntratt privat fir-rigward tal-forniment ta' dejta dwar il-movimenti tal-kontenitur, għandu jkollhom id-dritt li jibbenefikaw mill-applikazzjoni differita tal-Artikolu 18c sabiex jerġgħu jinnegozjaw il-kuntratti tagħhom u jiżguraw li l-kuntratti futuri tagħhom huma kompatibbli mal-obbligu li jipprovdu dejta lill-Kummissjoni.

(17) Ir-Regolament (KE) Nru 515/97 jagħti s-setgħat lill-Kummissjoni biex timplimenta xi wħud mid-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament; bħala konsegwenza tad-dħul fis-

seħħ tat-Trattat, is-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament jeħtieġ li jiġu allinjati mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat.

(18) Sabiex jiġu ssupplimentati ċerti elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 515/97 u b'mod partikolari biex jinħoloq direttorju ssimplifikat u strutturat tas-CSMs, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-avvenimenti li għalihom għandhom jiġu rrapportati s-CSMs, l-elementi ta' dejta minimi li għandhom jiġu rrapportati fis-CSMs u l-frekwenza ta' rrapportar.

(19) Sabiex jiġu ssupplimentati ċerti elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 515/97 u b'mod partikolari biex tiġi speċifikata l-informazzjoni li għandha tiddaħħal fis-CIS, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tad-determinazzjoni tal-operazzjonijiet li jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni agrikola li għandha tiġi introdotta informazzjoni għaliha fid-database ċentrali tas-CIS.

(20) Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja, inkluż fil-livell espert. Il-Kummissjoni, meta tkun qiegħda tipprepara u tfassal l-atti ddelegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

(21) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward tal-format tad-dejta u l-metodu ta' trażmissjoni tas-CSMs. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-mekkaniżmi ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.[1] Il-proċedura ta' eżaminazzjoni għandha tintuża għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni.

(22) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward tal-elementi speċifiċi li għandhom jiġu inklużi fis-CIS taħt waħda mill-kategoriji msemmija taħt il-punti (a) sa (h) fl-Artikolu 24. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-mekkaniżmi ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.[2] Il-proċedura ta' eżaminazzjoni għandha tintuża għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni. L-elementi speċifiċi li għandhom jiġu inklużi fis-CIS iridu jkunu bbażati fuq dawk elenkati fl-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 696/98,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 515/97 huwa emendat kif ġej:

1. Artikolu 2(1), huwa emendat kif ġej:

---

[1] ĠU L 55, 28.2.2011. p. 13.

[2] ĠU L 55, 28.2.2011. p. 13.

(a) L-ewwel inċiż hu sostitwit minn dak li ġej:

'— 'leġiżlazzjoni doganali' tfisser il-korp tad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni u l-atti ddelegati u ta' implimentazzjoni assoċjati li jirregolaw id-dħul, il-ħruġ, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, it-tranżitu u l-preżenza ta' oġġetti negozjati bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi, u bejn l-Istati Membri fil-każ ta' oġġetti li ma għandhomx status tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 28(2) tat-Trattat jew l-oġġetti soġġetti għal kontrolli jew investigazzjonijiet addizzjonali għall-finijiet tal-istabbilment tal-istatus tagħhom fl-Unjoni,'

(b) Huwa miżjud l-inċiż li ġej:

'— ' fornituri tas-servizzi attivi fil-katina tal-provvista internazzjonali' tfisser il-proprjetarji, il-baħħara, id-destinatarji, il-burdnara, it-trasportaturi u intermedjarji jew persuni oħra involuti fil-katina tal-provvista internazzjonali.'

2. L-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'Id-dokumenti, il-kopji ċċertifikati awtentiċi ta' dokumenti, l-attestazzjonijiet, l-istrumenti jew id-deċiżjonijiet kollha li joħorġu mill-awtoritajiet amministrattivi, ir-rapporti, u kwalunkwe intelligence oħra miksuba mill-persunal tal-awtorità mitluba u kkomunikati lill-awtorità applikanti matul l-assistenza prevista fl-Artikoli 4 sa 11 jistgħu jikkostitwixxu prova fil-proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji tal-Istat Membru applikant bl-istess mod bħallikieku kienu akkwistati fi Stat Membru fejn iseħħu l-proċedimenti.'

3. L-Artikolu 18a, huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'1. Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri, għall-finijiet tal-ġestjoni tar-riskju kif stabbilit fl-Artikolu 4, punti 25 u 26, u l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92, u bl-għan li jiġu assistiti l-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 29 biex jiġu skoperti l-movimenti tal-oġġett li huma oġġett ta' operazzjonijiet li jistgħu potenzjalment jiksru l-leġiżlazzjoni doganali u amministrattiva u l-mezzi ta' trasport, inkluż il-kontenituri, użati għal dak l-għan, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u timmaniġġja direttorju tad-dejta rċevuta mill-fornituri tas-servizzi pubbliċi u privati attivi fil-katina tal-provvista internazzjonali. Dan id-direttorju għandu jkun aċċessibbli direttament għal dawk l-awtoritajiet.'

(b) Il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'2. Fil-ġestjoni ta' dan id-direttorju, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa:

(a) li taċċessa jew tagħmel estrazzjoni u taħżen l-kontenuti tad-dejta, b'kwalunkwe mezz jew f'kwalunkwe forma, u li tuża d-dejta għall-finijiet ta' proċedura amministrattiva jew ġudizzjarja f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli għad-drittijiet tal-propjetà intellettwali. Il-Kummissjoni għandha timplimenta salvagwardji xierqa kontra l-interferenza arbitrarja mill-awtoritajiet pubbliċi inkluż il-miżuri tekniċi u organizzattivi u r-rekwiziti tat-trasparenza lejn is-suġġetti tad-dejta. Is-suġġetti tad-dejta għandu jingħatalhom id-dritt ta' aċċess u korrezzjoni fir-rigward tad-dejta pproċessata għal dan l-għan;

(b) li tqabbel u tikkontrasta d-dejta li hija aċċessibbli fid-direttorju jew li ġiet estratta minnu, biex tagħmilha f'indiċi, biex tarrikkiha minn sorsi oħra ta' dejta u tanalizzaha f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill

tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta[3];

(c) li tqiegħed id-dejta f'dan id-direttorju għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 29, permezz ta' tekniki elettroniċi ta' pproċessar tad-dejta.'

(c) Huma miżjuda l-paragrafi 5 u 6 li ġejjin:

'5. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandu jissorvelja l-konformità ta' dan id-direttorju mar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

Il-Kummissjoni għandha timplimenta miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex tħares id-dejta personali kontra l-qerda aċċidentali jew illegali, it-telf aċċidentali jew l-iżvelar mhux awtorizzat, il-modifika u l-aċċess jew kwalunkwe forma oħra mhux awtorizzata ta' pproċessar.

6. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament 45/2001, il-Kummissjoni tista' tittrasferixxi, soġġett għall-ftehim tal-fornituri tas-servizzi pubbliċi jew privati attivi fil-katina tal-provvista internazzjonali, id-dejta msemmija fl-Artikolu 18a(3) lil organizzazzjonijiet internazzjonali u/jew istituzzjonijiet/aġenziji tal-UE li jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u l-applikazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni doganali b'liema l-Kummissjoni kkonkludiet arranġament rilevanti jew memorandum ta' fehim.

Id-dejta skont dan il-paragrafu għandha tiġi ttrasferita biss għal għanijiet ġenerali ta' dan ir-Regolament, inkluż ukoll il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, u/jew għall-finijiet tal-ġestjoni tar-riskju kif stabbilit fl-Artikolu 4, punti 25 u 26 u l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

L-arranġament jew il-memorandum ta' fehim li fuq il-bażi tiegħu jista' jsir it-trasferiment ta' dejta skont dan il-paragrafu, fost l-oħrajn, għandu jinkludi prinċipji ta' protezzjoni tad-dejta bħall-possibbiltà għas-suġġetti tad-dejta li jeżerċitaw id-drittijiet ta' aċċess u korrezzjoni tagħhom u li jfittxu rimedju amministrattiv u ġudizzjarju, kif ukoll mekkaniżmu ta' sorveljanza indipendenti biex tiġi żgurata konformità mas-salvagwardji ta' protezzjoni tad-dejta.

Id-dejta rċevuta mill-fornituri tas-servizzi pubbliċi u privati attivi fil-katina tal-provvista internazzjonali għandhom jinżammu biss għaż-żmien neċessarju biex jintlaħaq l-għan li kienu introdotti għalih u ma tistax tinħażen għal aktar minn għaxar snin. Jekk id-dejta personali tinħażen għal perjodu li jaqbeż il-ħames snin, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandu jiġi infurmat kif xieraq.'

4. L-Artikolu 18b huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'2. Il-Kummissjoni tista' tagħmel attività ta' assistenza, taħriġ jew komunikazzjoni teknika, loġistika jew ta' għarfien espert jew kwalunkwe appoġġ operattiv ieħor disponibbli għall-Istati Membri kemm biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan ir-Regolament kif ukoll fit-twettiq tad-dmirijiet tal-Istati Membri fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni doganali tal-kooperazzjoni doganali prevista

[3] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

mill-Artikolu 87 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sistemi tekniċi xierqa.'

(b) Huwa miżjud il-paragrafu 3 li ġej:

'3. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandu jissorvelja l-konformità tas-sistemi tekniċi kollha previsti skont dan l-Artikolu mar-Regolament (KE) Nru 45/2001.'

5. Huma mdaħħla l-Artikoli li ġejjin:

'Artikolu 18c

1. Il-fornituri tas-servizz pubbliku jew privat attivi fil-katina tal-provvista internazzjonali msemmija fl-Artikolu 18a(1) li jaħżnu dejta dwar il-moviment u l-istatus tal-kontejners jew għandhom aċċess għal tali dejta, għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni Messaġġi dwar l-Istatus tal-Kontejner ('CSMs').

2. Is-CSMs meħtieġa għandhom jiġu rrapportatati f'waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) kontejners maħsuba li jitwasslu minn bastimenti fit-territorju doganali tal-Unjoni minn pajjiż terz;

(b) il-kontejners maħsuba li jitilqu t-territorju doganali tal-Unjoni minn pajjiż terz b'bastiment.

3. Is-CSMs mitluba għandhom jirrapportaw l-avvenimenti fl-Artikolu 18f sa fejn dawn huma magħrufa mill-fornitur tas-servizz privat jew pubbliku li jagħmel ir-rapport, attiv fil-katina tal-provvista internazzjonali.

4. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u timmaniġġja direttorju ta' CSMs irrapportati, id-'Direttorju CSM'.

Artikolu 18d

1. Fejn kontenitur, inkluż kontejners li mhux ser jitħallew jiġu skarikati fl-Unjoni, huwa maħsub li jiddaħħal minn bastimenti fit-territorji doganali tal-Unjoni minn pajjiż terz, il-fornituri tas-servizzi pubbliċi jew privati li huma soġġett għall-obbligu tal-Artikolu 18c(1) għandhom jirrapportaw lis-CSMs għall-avvenimenti kollha li jseħħu minn dak il-punt fejn il-kontejner huwa rrapportat vojt qabel ma jiddaħħal fit-territorju doganali tal-Unjoni sakemm il-kontejner jerġa' jiġi rrapportat vojt.

2. F'każijiet fejn is-CSMs meħtieġa biex jiġu identifikati l-avvenimenti ta' kontejners vojta rilevanti, ma jkunux disponibbli fir-rekords elettroniċi tal-fornituri f'kwalunkwe każ partikolari, għal avvenimenti li jseħħu tal-anqas tliet xhur qabel il-wasla fiżika fit-territorju doganali tal-Unjoni sa xahar wara d-dħul fit-territorju doganali tal-Unjoni jew, jekk isseħħ l-ewwel, sal-wasla f'destinazzjoni barra t-territorju doganali tal-Unjoni.

Artikolu 18e

1. Fejn kontenitur, ikun qiegħed iħalli t-territorju doganali tal-Unjoni lejn pajjiż terz b'bastiment, il-fornituri tas-servizzi pubbliċi jew privati li huma soġġett għall-obbligu tal-Artikolu 18c(1) għandhom jirrapportaw lis-CSMs għall-avvenimenti kollha li jseħħu minn dak il-punt fejn il-kontejner huwa rrapportat vojt qabel ma jiddaħħal fit-territorju doganali tal-Unjoni sakemm il-kontejner jerġa' jiġi rrapportat vojt.

2. F'każijiet fejn is-CSMs speċifiċi meħtieġa biex jiġu identifikati l-avvenimenti ta' kontejners vojta rilevanti, ma jkunux disponibbli fir-rekords elettroniċi tal-fornituri f'kwalunkwe każ partikolari, il-fornitur jista' jirrapporta s-CSMs għal avvenimenti li jseħħu tal-anqas tliet xhur wara l-ħruġ mit-territorju doganali tal-Unjoni.

Artikolu 18f

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 43 li jistabbilixxi l-avvenimenti tal-istatus tal-kontejner li għalihom għandhom jiġu rrapportati s-CSMs skont l-Artikolu 18c, l-elementi ta' dejta minimi li għandhom jiġu rrapportati fis-CSMs u l-frekwenza ta' rrapportar.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, dispożizzjonijiet dwar il-format tad-dejta fis-CSMs u l-metodu tat-trażmissjoni tas-CSMs. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 43a(2).

Artikolu 18g

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u timmaniġġja direttorju li jkun fih dejta dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu tal-oġġetti, inkluż it-tranżitu fi ħdan Stat Membru, kif indikat fl-Annessi 37 u 38 tar-Regolament tal-Kummisjsoni (KEE) Nru 2454/93, id-Direttorju tal-importazzjoni, l-esportazzjoni, it-tranżitu". L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw lill-Kummissjoni biex sistematikament tirreplika dejta dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu mis-sorsi operati mill-Kummissjoni abbażi tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi Kodiċi Doganali Komunitarju. L-Istati Membri għandhom ifornu lill-Kummissjoni, dejta dwar it-tranżitu tal-oġġetti fi ħdan Stat Membru u l-esportazzjoni diretta.

2. Id-direttorju għandu jintuża biex jassisti fl-operazzjonijiet ta' prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni li huma, jew jidhru li jikkostitwixxu, ksur tal-leġiżlazzjoni doganali u għall-finijiet ta' ġestjoni tar-riskju inkluż kontrolli doganali bbażati fuq ir-riskju kif definit fl-Artikolu 4, il-punti 25 u 26, u l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju.

3. Id-direttorju għandu jkun aċċessibbli esklussivament għad-dipartimenti tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali msemmija fl-Artikolu 29. Fi ħdan il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali, huma biss l-analisti maħtura li għandhom jingħataw is-setgħa biex jipproċessaw id-dejta personali li hija inkluża f'dan id-direttorju.

Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 45/2001, il-Kummissjoni tista' tittrasferixxi, soġġett għall-ftehim tal-Istat Membru fornitur, id-dejta magħżula li tinkiseb skont il-proċedura speċifikata fil-paragrafu 1 lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u/jew l-istituzzjonijiet/aġenzija tal-UE li jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u l-applikazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni doganali b'liema l-Kummissjoni kkonkludiet arranġament rilevanti jew memorandum ta' fehim.

Id-dejta skont dan il-paragrafu għandha tiġi ttrasferita biss għal għanijiet ġenerali ta' dan ir-Regolament, inkluż ukoll il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, u/jew għall-finijiet tal-ġestjoni tar-riskju kif stabbilit fl-Artikolu 4, punti 25 u 26 u l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

L-arranġament jew il-memorandum ta’ fehim li fuq il-bażi tiegħu jista’ jsir it-trasferiment ta’ dejta skont dan il-paragrafu, fost l-oħrajn, għandu jinkludi prinċipji ta’ protezzjoni tad-dejta bħall-possibbiltà għas-suġġetti tad-dejta li jeżerċitaw id-drittijiet ta’ aċċess u korrezzjoni tagħhom u li jfittxu rimedju amministrattiv u ġudizzjarju, kif ukoll mekkaniżmu ta’ sorveljanza indipendenti biex tiġi żgurata konformità mas-salvagwardji ta’ protezzjoni tad-dejta.

4. Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 għandu japplika għall-ipproċessar tad-dejta mill-Kummissjoni fil-kuntest tad-dejta inkluża f’dan id-direttorju.

Il-Kummissjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala l-kontrollur tad-dejta skont it-tifsira tal-Artikolu 2(d) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

Id-direttorju tal-importazzjoni, l-esportazzjoni, it-tranżitu għandu jkun soġġett għal verifika minn qabel mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data f’konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

Id-dejta li hija inkluża fid-direttorju tal-importazzjoni, l-esportazzjoni, it-tranżitu għandha tinżamm biss għaż-żmien neċessarju biex jintlaħaq l-għan li kienet introdotta għalih u ma tistax tinħażen għal aktar minn għaxar snin. Jekk id-dejta personali tinħażen għal perjodu li jaqbeż l-għaxar snin, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandu jiġi infurmat kif xieraq.

5. Id-direttorju tal-importazzjoni, l-esportazzjoni, it-tranżitu għandu jinkludi l-kategoriji speċjali ta’ dejta skont it-tifsira tal-Artikolu 10(5) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

Il-Kummissjoni għandha timplimenta miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex tħares id-dejta personali kontra l-qerda aċċidentali jew illegali, it-telf aċċidentali jew l-iżvelar mhux awtorizzat, il-modifika u l-aċċess jew kwalunkwe forma oħra mhux awtorizzata ta’ pproċessar.

Artikolu 18h

1. Il-Kummissjoni tista’ tikseb mill-operaturi ekonomiċi dokumenti li jappoġġjaw id-dikjarazzjonijiet ta’ importazzjoni u esportazzjoni, fir-rigward tal-investigazzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali kif definit fl-Artikolu 2(1).

2. Sal-limiti ta’ żmien li jobbligaw l-operaturi ekonomiċi jżommu d-dokumentazzjoni rilevanti, l-operaturi ekonomiċi għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni meta jkunu mitluba, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.’

6. Artikolu 23(4) huwa emendat kif ġej:

‘Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 43 li jistabbilixxu dawk l-operazzjonijiet b’rabta mal-applikazzjoni tar-regolamenti agrikoli li jeħtieġu l-introduzzjoni tal-informazzjoni fis-CIS.’

7. Artikolu 25(1) huwa emendat kif ġej:

'Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, disposizzjonijiet dwar affarijiet li għandhom ikunu inklużi fil-CIS li huma relatati ma’ kull waħda mill-kategoriji imsemmija fl-Artikolu 24 (a) sa (h) sa fejn dan ikun meħtieġ biex jintlaħaq l-għan tas-Sistema. Dejta personali ma tistax tidher fil-kategorija imsemmija fl-Artikolu 24 (e). Dawn l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta’ eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 43a(2).'

8. L-Artikolu 29 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'L-aċċess għad-dejta inkluża fis-CIS għandu jiġi riservat esklussivament għall-awtoritajiet nazzjonali nominati minn kull Stat Membru u d-dipartimenti nominati mill-Kummissjoni. Dawn l-awtoritajiet nazzjonali għandhom ikunu amministrazzjonijiet doganali iżda jistgħu jinkludu wkoll awtoritajiet kompetenti, skont il-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri tal-Istat Membru inkwistjoni, biex jaġixxu sabiex jintlaħaq l-għan iddikjarat fl-Artikolu 23(2).

L-imsieħeb fis-CIS fornitur għandu jkollu d-dritt li jistabbilixxi liema fost dawn l-awtoritajiet nazzjonali msemmija hawn fuq jista' jkollhom aċċess għad-dejta li ġiet inkluża fis-CIS.'

(b) Il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'Kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni, lista tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti nominati li għandhom aċċess għas-CIS li tiddikjara, għal kull awtorità, għal liema dejta din jista' jkollha aċċess u għal liema finijiet.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħrajn kif xieraq. Għandha wkoll tivverifika l-lista tal-awtoritajiet nazzjonali nominati kontra nominazzjonijiet mhux proporzjonati u tinforma lill-Istati Membri dwar id-dettalji korrispondenti li jikkonċernaw id-dipartimenti tal-Kummissjoni biex ikollhom aċċess għas-CIS.

Il-lista ta' awtoritajiet nazzjonali u dipartimenti tal-Kummissjoni li għalhekk ġew magħżula għandha tiġi ppubblikata għall-informazzjoni mill-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u l-aġġornamenti sussegwenti fil-lista għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku mill-Kummissjoni fuq l-internet.'

9. Fl-Artikolu 30(3), it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

'Il-lista tal-awtoritajiet jew awtoritajiet hekk nominati għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku mill-Kummissjoni fuq l-internet.'

10. It-titolu tal-Kapitolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'Kapitolu 4

Ħżin ta' dejta'.

11. L-Artikolu 33 huwa emendat kif ġej:

Id-dejta li hija inkluża fis-CIS għandha tinżamm biss għaż-żmien neċessarju biex jintlaħaq l-għan li kienet introdotta għalih u ma tistax tinħażen għal aktar minn għaxar snin. Jekk id-dejta personali tinħażen għal perjodu li jaqbeż il-ħames snin, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandu jiġi infurmat kif xieraq.'

12. L-Artikolu 37 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 3a huwa sostitwit b'dan li ġej:

'3a. Dan ir-Regolament jippartikolarizza u jikkumplimenta r-Regolament (KE) Nru 45/2001.

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta għandu jissorvelja l-konformità tas-CIS mar-Regolament (KE) Nru 45/2001.'

(b) Huwa miżjud il-paragrafu 5 li ġej:

‘5. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandu jikkoordina mal-Awtorità ta’ Sorveljanza Konġunta, stabbilita skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/917/ĠAI, li kull waħda minnhom taġixxi taħt il-limiti tal-kamp ta’ applikazzjoni tal-kompetenza rispettiva tagħhom, bl-għan li tintlaħaq koordinazzjoni tal-awditjar tas-CIS.’

13. L-Artikolu 38 huwa emendat kif ġej:

(a) F’paragrafu 1, punt b huwa mħassar.

(b) Il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

‘2. B’mod partikolari, kemm l-Istati Membri kif ukoll il-Kummissjoni għandhom jieħdu miżuri:

(a) biex jevitaw li xi persuna mhux awtorizzata jkollha aċċess għall-installazzjonijiet użati għall-ipproċessar tad-dejta;

(b) biex jevitaw li d-dejta u l-midja tad-dejta jinqraw, jiġu kkupjati, immodifikati jew imħassra minn persuni mhux awtorizzati;

(c) biex jevitaw d-dħul mhux awtorizzat ta’ dejta u kwalunkwe konsultazzjoni, modifika jew tħassir mhux awtorizzat ta’ dejta;

(d) biex jevitaw li d-dejta fis-CIS tiġi aċċessata minn persuni mhux awtorizzati permezz ta’ tagħmir ta’ trażmissjoni tad-dejta;

(e) biex jiġi ggarantit li, fir-rigward tal-użu tas-CIS, il-persuni mhux awtorizzati jkollhom dritt ta’ aċċess biss għad-dejta li jkollhom kompetenza għaliha;

(f) biex jiggarantixxu li huwa possibbli li jiġi vverifikat u stabbilit lil liema awtoritajiet tista’ tiġi ttrasferita d-dejta permezz ta’ tagħmir ta’ trażmissjoni tad-dejta;

(g) biex jiggarantixxu li huwa possibbli li jiġi vverifikat u stabbilit ex post facto liema dejta ġiet introdotta fis-CIS, meta u minn min, u biex tiġi sorveljata l-interrogazzjoni;

(h) biex jiġi evitat il-qari, l-ikkupjar, il-modifika jew it-tħassir mhux awtorizzat ta’ dejta matul it-trażmissjoni ta’ dejta u t-trasport tal-midja tad-dejta.’

(c) Il-paragrafu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:

‘3. Il-Kummissjoni għandha tivverifika li t-tfittxijiet imwettqa kienu awtorizzati u twettqu mill-utenti awtorizzati. Tal-anqas 1 % tat-tfittxijiet kollha li jsiru għandhom jiġu vverifikati. Għandu jinżamm rendikont ta’ tali tfittxijiet u verifiki fis-sistema u dan għandu jintuża biss għat-tali verifiki. Għandu jitħassar wara sitt xhur.’

14. L-Artikolu 41d huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

‘1. Il-perjodu fejn tista’ tinżamm id-dejta għandu jiddependi fuq il-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri tal-Istat Membru li jfornihom. Il-perjodi massimi u mhux kumulattivi, ikkalkolati mid-data tad-dħul tad-dejta fil-fajl ta’ investigazzjoni, li ma jistgħux jinqabżu huma dawn li ġejjin:

(a) id-dejta dwar il-fajls ta' investigazzjoni ma tistax tinħażen għal aktar minn tliet snin mingħajr ebda operazzjoni li ma tkunx tmur kontra l-leġiżlazzjoni doganali u agrikola; id-dejta trid tiġi anonimizzata qabel dak il-limitu ta' żmien jekk tkun għaddiet sena mill-aħħar osservazzjoni;

(b) id-dejta dwar it-talbiet amministrattivi jew l-investigazzjonijiet kriminali fejn ikun ġie stabbilit ksur tal-leġiżlazzjoni doganali u agrikola li iżda ma wasslux għal deċiżjoni amministrattiva, kundanna jew ordni ta' ħlas ta' multa kriminali jew penali amministrattiva ma tistax tinħażen għal aktar minn sitt snin;

(c) id-dejta dwar it-talbiet amministrattivi jew l-investigazzjonijiet kriminali li wasslu għal deċiżjoni amministrattiva, kundanna jew ordni ta' ħlas ta' multa kriminali jew piena amministrattiva, ma jistgħux jinħażnu għal aktar minn għaxar snin.'

(b) Il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'3. Il-Kummissjoni għandha tanonimizza d-dejta malli jkun għadda l-perjodu massimu għall-ħżin previst f'paragrafu 1.'

15. L-Artikolu 43 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'1. Is-setgħa li jiġu adottati atti ddelegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 18f(1) u 23(4) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu mhux determinat ta' żmien minn [jj/xx/ssss] [daħħal id-dejta ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

3. Is-setgħa li jiġu adottati atti ddelegati msemmija fl-Artikoli 18f(1) u 23(4) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha twassal fi tmiemha d-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' xi atti ddelegati li huma diġà fis-seħħ.

4. Malli tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah b'mod simultanju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att iddelegat adottat skont l-Artikoli 18f(1) u 23(4) għandu jidħol fis-seħħ jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni jew mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux ser joggezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew il-Kunsill.'

16. Wara l-Artikolu 43 huwa mdaħħal l-Artikolu li ġej:

'Artikolu 43a

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.'

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għall-fornituri tas-servizzi pubbliċi jew privati li, meta jkun ser jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament, huma marbuta minn kuntratti privati li ma jippermettulhomx jissodisfaw l-obbligu tagħhom stipulat fl-Artikolu 18c(1), dan għandu jidħol fis-seħħ sena wara li jkun daħal fis-seħħ ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew Għall-Kunsill*
*Il-President* *Il-President*

## ID-DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA


**1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

1.1. It-titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Il-qasam/L-oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. L-objettiv(i)

1.5. Ir-raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. Id-dewmien u l-impatt finanzjarju

1.7. Il-metodu/i ta' ġestjoni previst(i)

**2. IL-MIŻURI TA' ĠESTJONI**

2.1. Ir-regoli ta' monitoraġġ u rapportar

2.2. Is-sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Il-miżuri biex jiġu evitati l-frodi u l-irregolaritajiet

**3. L-IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

3.1. L-intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-intestatura/i baġitarja/i affettwata/i

3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

*3.2.1. Is-sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi*

*3.2.3. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

*3.2.4. Il-kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

*3.2.5. Il-parteċipazzjoni ta' partijiet terzi fil-finanzjament*

3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

## ID-DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

It-titolu tal-proposta/inizjattiva

| |
|---|
| Il-proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli. |

Il-qasam/L-oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB [9]

| |
|---|
| Il-qasam ta' politika: Il-ġlieda kontra l-frodi<br>Attività : titolu 24 |

In-natura tal-proposta/inizjattiva

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma'**azzjoni ġdida wara proġett pilota/azzjoni preparatorja**[10]

■ Il-proposta/inizjattiva hija relatata mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ridirezzjonata lejn azzjoni ġdida**

L-objettivi

L-objettiv(i) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni mmirat(i) mill-proposta/inizjattiva

| |
|---|
| L-emenda proposta tikkontribwixxi għall-impenn tal-Unjoni fil-ġlieda kontra l-frodi u attivitajiet illegali oħrajn fil-qasam tad-dwana u għat-tisħiħ tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea. |

L-objettiv(i) speċifiku/speċifiċi u l-attività/attivitajiet ABM/ABB ikkonċernati

| |
|---|
| L-objettiv speċifiku 5a: il-prevenzjoni, il-miżuri ta' deterrent u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni<br><u>L-objettiv speċifiku 5a. Tiġi żviluppata politika u leġiżlazzjoni kontra l-frodi</u><br><u>L-attività ABM/ABB ikkonċernata</u><br><u>24 04 Is-sistema ta' informazzjoni għal kontra l-frodi (AFIS)</u> |

[9] ABM: Immaniġġjar Ibbażat fuq l-Attività - ABB: Ibbaġitjar Ibbażat fuq l-Attività.

[10] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju Nru 966/2012.

Ir-riżultat(i) mistenni(ja) u l-impatt

*Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/grupp fil-mira.*

Fuq il-Kummissjoni: l-emendi proposti ser jippermettu lill-Kummissjoni ttejjeb il-ġestjoni tar-riskju inkluż il-kontrolli doganali bbażati fuq ir-riskju u biex tiskopri, tinvestiga u tanalizza l-frodi doganali b'mod aktar effettiv. Huwa mistenni wkoll li din il-proposta ser tikkontribwixxi għal effiċjenza akbar fil-qasam tal-protezzjoni tad-dejta u ser issaħħaħ ulterjorament il-kooperazzjoni billi ttejjeb is-sistemi u l-proċessi li għandhom iwasslu għal użu aħjar tal-għodod eżistenti.

Fuq l-Istati Membri: l-emendi proposti ser jiffaċilitaw ulterjorament il-kooperazzjoni doganali bejn l-Istati Membri individwali u bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni.

Fit-terminu twil, ir-Regolament irrivedut jippreżenta opportunità biex jiżdied b'mod sinifikanti n-numru ta' każijiet ta' frodi skoperti u irregolaritajiet oħra fir-rigward ta' kwistjonijiet doganali, u b'hekk jgħin biex jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea u jħares kontra riskji oħrajn kif iddefinit fil-Kodiċi Doganali Komunitarju.

L-indikaturi tar-riżultati u l-impatt

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.*

Id-dejta ta' esportazzjoni/importazzjoni/tranżitu/CSMs:

- in-numru ta' ksur tal-leġiżlazzjoni skopert
- in-numru ta' investigazzjonijiet miftuħa abbażi ta' din id-dejta
- in-numru ta' talbiet għall-użu mill-investigaturi
- l-ammonti rkuprati abbażi ta' tali informazzjoni

It-tul tal-investigazzjoni tal-OLAF relatati

- jekk il-bidla rriżultatx f'proċeduri aktar rapidi
- jekk żiditx in-numru ta' investigazzjonijiet u l-ammonti rkuprati

Ir-raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

Ir-rekwiżit(i) li jrid/iridu tintlaħaq/jintlaħqu f'terminu ta' żmien qasir jew twil

L-objettivi li għandhom jiġu sodisfatti f'terminu ta' żmien qasir u twil jinkludu:

- il-ħolqien ta' kundizzjonijiet għal ġlieda aktar b'saħħitha kontra l-frodi doganali relatat mad-dikjarazzjoni ħażina tal-oriġini tal-oġġetti

- il-ħolqien ta' kundizzjonijiet għal ġlieda mtejba kontra l-frodi doganali relatat mad-deskrizzjoni ħażina tal-oġġetti

